**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit**

Il-Pulizija
(Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi)

Vs

Sheridan Lee Grech

Illum 13 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti :-

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Sheridan Lee Grech, detentur ta' l-karta ta' l-identita numru 58199M, iben Charmaine nee Grech, imwieled Fgura fis-6 ta' Jannar, 1999 u residenti Ent. D, Flat 6, Triq Hanover, Bormla.

Illi akkuzat talli fis-27 ta' Mejju, 2017 għal habta ta' 3.00 am fi Triq it-Torri, Sliema;

1. Saq jew ipprova isuq jew kellek kontroll ta' vettura numru JBX 576 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi;
2. U aktar talli saq, ipprova isuq jew kellu kontroll tal-vettura Numru JBX 676 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alcohol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura numru JBX 676 u b'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habit ma' vettura oħra b'numru JBP 802 u involontarjament ikkaguna hsara fl-istess vettura ghad-dannu ta' Anna Faniello.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura numru JBX 576 u b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tiegħek, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, jew ghamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaga meta involontarjament ikkaguna ħsara f'Traffic Lights ghad-dannu ta' Transport Malta kif ukoll f'bollards, pjanti u aluminium advert signs ghad-dannu ta' l-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

Il-Qorti:

Rat l-affidavit ta' PS 928 R. Mifsud Grech u il-PIRS report.

Xehed bil-gurament Matthew Dimech in rapprezentanza ta' l-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema li ezebixxa stima Dok A u Dok B.

Xehed bil-gurament: Nicholas Baldacchino in rapprezentanza ta' l-Awtorita' ghat-Toroq u l-infrastruttura li ezebixxa Dok C.

Xehed bil-gurament PS 927 Ramon Mifsud Grech li ipprezenta l-affidavit u l-breathilizer test bhala Dok RMG.

Xehdet bil-gurament: Anna Faniello. Din ix-xhud ma ghandhiex interess f'dawn il-proceduri.

Il-Prosekuzzjoni ma ghandheix iktar xhieda x'tipproduci.

Id-difiza telghet jixhed biss lil imputat li ezebixxa certifikat mediku Dok SLG u Dok SLG1.

Saret it-trattazzjoni tal-partijiet;

Il-Qorti semghet il-provi;

Rat id-dokumenti ezebiti.

Il-Qorti:

Ssib lil imputat hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u tikkundannah ghal ewwel u ghat-tieni imputazzjoni multa ta' € 1,200 komplessivament u s-sospenzjoni tal-licenzja ghal sitt xhur u tat tielet u r-raba'

imputazzjoni multa ta’ € 500 komplessivament.

DR. YANA MICALLEF STAFRACE
MAGISTRAT